**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Ottubru, 2018

Rikors Nru : 272/18AL

**AB**

***vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tnejn (2) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986), u sseparaw permezz ta' kuntratt in atti n-Nutar Carmel Gafa' tal-ħamsa u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn (25/07/2000). (Annessi u mmarkati Dok AS 1, u Dok AS 2).

Illi l-partijiet ilhom għalhekk aktar minn sbatax (17) –il sena separati kemm legalment, kif ukoll de facto.

Illi, l-istess partijiet, iddekadew mid-dritt reċiproku tal-manteniment.

Illi minn dan iż-żwieġ, twieldu żewġ (2) ulied, rb li llum għandha erbgħa u għoxrin (24) sena, u xb li llum għandha wieħed u għoxrin sena (21), pero ma hix studenta li qed tipparteċipa f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full time, u għalhekk mhu dovut ebda manteniment lilhom.

Illi inoltre, lanqas ma hemm arretrati ta' manteniment x'jitħallsu.

Illi m'hemmx tama li l-partijiet jirrikonċiljaw.

Illi għalhekk jeżistu raġunijiet biżżejjed ai termini tal-liġi, sabiex iż-żwieġ odjern jiġi maħlul.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ossija id-divorzju, ikkontrattat bejn il-partijiet nhar it-tnejn (2) ta' Awissu, tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986), u li l-partijiet huma divorzjati għal finijiet u l-effetti kollha tal-liġi; u;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, fi żmien hemm akkordat minnha biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku skont il-liġi; u;

3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u cioe' 'Coleiro'.

U dan taħt kwalunkwe provvediment ieħor li din l-Onorobbli Qorti jogħġobha tagħti

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Gunju, 2018;

Semghet lill-intimat, fuq domanda tal-Qorti, jiddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Lulju 2000;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi ir-rikorrenti talbet fir-rikors guramentat taghha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u u cioe' p;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' P, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u

tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.